Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAS-SITTA U HAMSIN LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 16 ta' MARZU 2011 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.45pm | Sa | 7.45pm |

**KULHADD KIEN PREZENTI U FIL-HIN HLIEF LI:**
**IS-SUR NORBERT PACE KIEN SKUZAT.**
**ID-DOTT LUISA GAUCI BALUCI WASLET TARD.**
**Prezenti:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | NORBERT PACE (Skuzat) |
| **Vici-Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Kunsilliera** | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | | LUISA GAUCI BALUCI (Waslet tard) |
| | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

**Is-Seduta giet immexxija mis-Sur Stefan Cordina, Vici-Sindku. Id-Dott. Luisa Gauci Baluci mal-bidu tas-seduta kienet ghadha ma waslitx.**

**1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI**

Gew approvati l-Minuti tal-laqghat Nri: 54 (02.02.11) u 55(16.02.10) kif ukoll ir-rapport tal-Bord tal-Aggudikazzjoni. Ma saret l-ebda korrezzjoni.

**2. KORRISPONDENZA**

🗁 Ittra minghand il-Housing rigward l-iskema tal-komunita'. Ix-xoghol fil-komunita' taghna se jsir bejn it-2012 u t-2013.

🗁 E-mail minghand is-Sinjura Mary Camilleri. Din giet moqrija u ghandha tintbaghat l-TM.

🗁 E-mail rigward talba sabiex issir zebra crossing quddiem id-dar tal-anzjani 'Roseville'. Din ghandha tigi mghoddija l-TM

🗁 Talba sabiex isiru fitness classes fi hdan il-Kunsill Lokali. Il-Kunsill ha jipprova jirranga mac-Centru Parrokkjali. Id-Dott Luisa Gauci Baluci dahlet f'dan il-hin.

🗁 E-mails minghand sidien ta' kumpaniji ta' *leasing* tal-karozzi. Dawn il-kwotazzjonijiet tressqu ghall-attenzjoni tal-Kunsill mis-Sur Cordina u giet maghzula dik tal-Percius Car Hire Limited peress li kienet l-irhas wahda u l-iktar wahda vantaggjuza.

🗁 Rapport minghand il-Periti tal-Kunsill fuq il-progett PPP. Dan ir-rapport irrakkomanda lill-Bonnici Bros sabiex jinghataw it-tender tat-tarmak taht dan il-progett. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

**3. WORKS CO-ORDINATOR**

Is-Sur Spiteri qal li il-gurnata ta' qabel saru l-interviews tal-Part 3 u li issa li dawn saru, il-Kunsill jista' jaghzel li jzomm wiehed mill-Part 1 u wiehed mill-Part 3 minhabba li ma kienx hemm wisq ghazla. Il-Kunsill wera x-xewqa li tohrog l-*external call* fuq il-Website tal-ETC biss u din iddum tidher sa mhux aktar tard mill-Gimgha, 25 ta' Marzu jew is-Sibt, 26 ta' Marzu 2011. Jekk jista' jkun ghandha tidher l-iskala 11 biex jekk ikun hemm xi hadd mhux interessat ma joqghodx japplika ta' xejn.

***4. APPROVAZZJONI TA' HLASIJIET***

Il-Kunsill approva l-hlasijiet ghax-xahar ta' Frar 2011. Is-Sur Mark Spiteri wera x-xewqa li l-pagamenti jigu mghoddija bl-e-mail hekk kif dawn ikunu lesti biex wiehed ikollu cans jiflihom qabel il-laqgha u mhux bl-ghaggla dak il-hin.

**5. APPROVAZZJONI TAS-SOTTOMISSJONIJIET LILL-MEPA KONTRA L-IZVILUPP TAL-BARRIERA TA' WIED INCITA.**

Is-Segretarju Ezekuttiv qrat l-oggezzjoni tal-Perit ghan-nom tal-Kunsill. Wara li saru xi emendi zghar saret votazzjoni . Kulhadd kien favur li din tigi sottomessa w'ghalhekk ghaddiet unanimament.

**6. KWOTAZZJONI DWAL TAZ-ZEBRA B'SISTEMA LED**

Is-Sur Cordina ressaq xi kwotazzjonijiet ghall-sistema ta' zebra crossings bhal dawk installati recentament fi Triq il-Mosta . Il-Kunsill approva din l-istima u ha jibdew jitwahhlu ftit ftit.

**7. TRIQ IR-RUZELL**

Is-Sur Ralph Cassar saqsa ghala t-tabelli ta' Triq ir-Ruzell gew mghottija. Is-Sur Stefan Cordina qal li dawn gew mghottija biex jigi evitat li jidhlu lmenti t-TM li setghu ikunu kawza li l-permess jigi revokat u dawn jinqalghu bhal ma gara fil-kaz ta' Triq il-Linja, fejn inqalghu it-tabelli bla ma hadd jaf. Il-maggoranza tal-Kunsill ma qablitx ma' dan u ghalhekk it-tabelli ghandhom jergghu jinkixfu.

**8. PUNTI MQAJJMA**

Is-Sur Stefan Cordina ressaq dan il-punti:

- Propona li tintbghat ittra lill-Kumitat Kongunt bid-decizjoni li ttiehdet meta giet cirkulata l-e-mail bejn il-Kunsilliera sabiex tinqala' l-camera ta' hdejn l-HSBC. Kulhadd qabel.

Is-Sur Bonnici ressaq dan il-punti:

- Titwahhal tabella ma jitfaghux zibel hdejn Triq is-Salvatur sabiex ma jibqax jingema' l-iskart f'din il-fetha.
- Il-pjazza ta' hdejn Triq is-Salvatur issir bit-tarmak. Ghandha tintbaghat ittra lill-Joint Office.
- Titnehha blokka konkos li thalliet f'Wied Irmiedi.
- Jitnehha l-imbarazz li hemm wara l-Knisja hdejn il-Banka tal-Lottu.

Is-Sur Cassar ressaq dan il-punti:

- Saqsa x'gara fuq il-bankina tal-G&G. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ma kelliex infurzar fuqha s'issa.
- Saqsa jekk hux ha jiehdu sehem Gaia fil-FESTA NATURA. Is-Sur Cordina qal li peress li l-attivita' ha ssir kongunta mal-Kunsill ta' Hal-Balzan fil-palazz tal-President kollox kellu jinbidel.
- Greenpak.

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Tinzabar bougainvilla fi Sqaq numru 1 Triq il-Mosta.
- Li titranga Triq Hannibal ghax kollha hofor.

**10. AGGORNAMENT**

Ghalhekk il-laqgħa giet aggornata fit-7.45pm ghat-13 ta' April 2011.

____________________ ____________________

Vici Sindku Data